**17 ta' Novembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.**

**Carmela sive Maria Carmela Camilleri et.**

*versus*

**Carmelo Zammit et.**

## Dota — Art. 33(2) tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-liġi taghna taghti lit-tfal bniet, meta ma jkunux jippossjedu beni sufficjenti biex jiddotaw ruħhom, assenjament bħala dota kontra missierhom jew, sussidjarjament, kontra ommhom, jew kontra n-nannu patern, jew, fl-aħħarnett, kontra n-nannu matern.*

*Fin-nuqqas ta' determinatezza espressa fil-liġi, u fid-dubju, iddottrina u l-prinċipji ġuridiċi jippropendu biex jirrikonoxxu l-azzjoni tad-dota lit-tfal leġittimi u naturali, u mhux ukoll lill-bniet illeġittimi.*

*Il-liġi trid li t-tifla tkun ma tippossjedix beni taghha sufficjenti; iżda dan ma jfissirx illi ma tistax tiġi dotata anki tifla li hija sinjura u li tippossjedi biżżejjed beni taghha proprji biex bihom tiddota ruħha.*

*Barra minn dan, it-tifla tista' tagixxi kontra l-ġenituri ghaddota anki wara li tkun iżżewġet, jekk dawn ma jkunux ghamlu l-proċedura traċċjata mil-liġi biex ikunu eżentati minn dan l-obligu wara ż-żwieġ taghha.*

*Fl-aħħarnett, id-dota ghandha tkun kongruwa u proporzjonata ghall-mezzi tal-obligat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u moghtija l-provvedimenti meħtieġa peress illi l-attriċi żżewġet mal-attur Carmelo Camilleri fis-26 ta' Mejju 1957, u hija bint il-konvenuti, u ghalhekk ghandha d-dritt, skond il-liġi, li tiġi minnhom dotata (dok. A): peress illi fit-3 ta' Ġunju 1957 il-konvenuti ddepożitaw £45 flus kontanti u oġġetti u utensili u

bjankerija u deheb, rappreżentati mill-irċevuta annessa ma' dik iċ-ċedola, in soddisfazzjoni tad-dota li jridu jagħtu lill-attriċi; peress illi d-depożitu huwa null riferibbilment għall-oġġetti tad-deheb, għaliex ma hux magħmul skond il-liġi, kif ukoll għaliex dawk l-oġġetti tad-deheb kienu u huma proprjetà tal-attriċi u jiffurmaw oġġett tal-kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "Carmela Zammit vs. Carmelo Zammit et."; peress illi, meta jitneħħew l-oġġetti tad-deheb, dak li jibqa', ċjoè oġġetti tal-kċina, bjankerija, u £45 flus kontanti, ma humiex biżżejjed biex jiffurmaw id-dota li tispetta lill-attriċi skond il-kondizzjoni tagħha u dik tal-konvenuti ġenituri tagħha, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbu li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi, a titolu ta' dota, dik is-somma li tiġi determinata minn din il-Qorti wara li tisma l-provi kollha. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża odjerna jidher li l-attriċi, assistita minn żewġha bħala tifla leġittima u naturali tal-konvenuti, qegħdha titlob li tkun dotata minnhom in forza tal-art. 33(2) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi a differenza tal-Liġi Taljana (art. 147 Kodiċi Ċivili tal-1865) u tal-Liġi Franċiża (art. 204), li ma jagħtux din l-azzjoni, l-għaliex għalihom l-obligu tad-dotazzjoni huwa biss morali, il-liġi tagħna, fl-artikolu msemmi, fil-paragrafu fuq imsemmi, tiddisponi:— "A daughter, however (l-għaliex fl-ewwel paragrafu tal-istess liġi ntqal illi tifel jew iben ma għandux azzjoni kontra l-ġenituri tiegħu sabiex iġiegħelhom jagħmlulu f'każ ta' żwieġ ebda assenjazzjoni), if not possessed of sufficient property of her own, has, on occasion of her marriage, a claim for the settlement of dowry against her father or, in subsidium, against her mother, or her paternal grandfather, or lastly her maternal grandfather". Din id-dispożizzjoni ssib l-għeruq tagħha fid-dritt anterjuri (ara Kodiċi Muniċipali, Liber III, C. 2, para. 6 u ta' wara), u id-Dritt Ruman (ara L. 19 Dig. de ritu nupt.; L. unica Codex de dot. promis.; L. 14 Codex, de jure dot., fejn jingħad li "Omnino paternum esse officium dotem dare");

*Illi mid-dispost tal-liġi fuq ċitat, kwindi, il-bniet għandhom* id-dritt jitolbu lill-persuni fuq imsemmija, fin-nuqqas li huma jippossjedu beni suffiċjenti biex jiddotaw ruħhom. assenjament bħala dota. Il-liġi ssemmi l-kelma "bniet" bħala l-persuni hekk intitolati, imma ma tgħidx jekk il-bniet leġittimi u naturali biss, jew anki l-bniet illeġittimi, jistgħu jkollhom dik l-azzjoni; iżda d-dottrina (ara Voet "Ad Pandectas", Liber 23, tit. 3, no. 13), u l-prinċipji ġuridiċi ("Liberi extra matrimonio nati nec gentem nec familiam habent"), fin-nuqqas ta' determinazzjoni espressa u fid-dubju, jippropendu biex jgħidu u jsostnu li din l-azzjoni hija mogħtija biss lit-tfal leġittimi u naturali;

Illi kondizzjoni oħra voluta mil-liġi għall-obligu fil-persuni minnha msemmija, hija li t-tifla li tkun tirrikjedi l-adempiment tiegħu ma tkunx suffiċjentement provvduta b'beni proprji; imma din il-kondizzjoni ma teskludix li tista' tiġi oriġinarjament kuntrattata xi obligazzjoni mill-obligat jew obligati fis-sens li tiġi wkoll dotata mill-beni ta' dak li jobbliga ruħu tifla li tkun sinjura jew li jkollha beni proprji (ara P.A. Ċivili 29 gennaio 1894, "Micallef utrinque", Volum XIV, paġ. 43, colonna 1ma. fl-aħħar u colonna 2da.). Anki żewġ konjuġi jistgħu oriġinarjament jikkuntrattaw din l-obligazzjoni (l-għaliex id-dotazzjoni tal-bniet hija kawża li għaliha t-tnejn huma legalment u moralment tenuti), għalkemm ir-raġel huwa tenut prinċipalment u l-mara in sussidju (ara P.A. Ċivili 7 ta' Ottubru 1898, "Grech vs. Zammit", VoVl. XVI-II-312 fl-aħħar);

Jingħad ukoll li ma jirriżultax minn ebda dispożizzjoni tal-liġi li tifla jew bint, li ma tkunx ġiet dotata fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha, ma tistax taġixxi sabiex tikkostrinġi lill-ġenituri tagħha, jew l-obligati l-oħra msemmija mil-liġi, jiddotawha anki wara li tkun iċċelebrat l-istess żwieġ, ammenokkè ma javverax ruħu u jsir dak li hemm maħsub f'xi wieħed mill-art. 34, 36, 37 u 39 tal-Kodiċi Ċivili (ara P.A. Ċivili 28 ta' Mejju 1880 "Mangion utrinque", Vol. IX, paġ. 156);

*Fl-aħħarnett, ġie stabbilit li d-dota għandha tkun* kongruwa u proporzjonata għall-mezzi tal-obligat, u f'dak ir-

riskontru għandha tiġi determinata (ara P.A. Ċivili 23 ta' Ġunju 1933 "Maria Speranza Deguara vs. Carmelo Palmier et." Vol. XXVIII-II-435); u ġie anki ritenut li d-dota talbniet għas-sostenn taż-żwieġ tagħhom ma għandhiex tiġi kostitwita fuq ir-renditi, iżda fuq is-sustanza tal-patrimonju patern, u li mhux ġust li bint għandha tibqa' nieqsa minn kwalsijasi dota a benefiċċju tal-kredituri tal-ġenituri tagħha, li bl-akkumulament tal-interessi u bil-kostituzzjoni ta' passivitajiet oħra jkunu jistgħu jassorbixxu gradatament il-patrimonju tagħhom kollu (ara P.A. Ċivili 28 ta' Mejju 1880, "Annunziata Mangion mart Francesco Camilleri u l-istess żewġha vs. Giovanni u Giovanna konjuġi Mangion", ċitata fuq Vol. IX, paġ. 156, u in part. paġ. 157 Colonna 1ma. fil-qiegħ u colonna 2da. fl-bidu);

Ikkunsidrat;

Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad li dawn il-fattijiet li sejrin jiġu relatati huma aċċertati; u ċjoè:—

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti dawn il-fatti fuq aċċertati, jingħad inoltre li l-instanti Carmela Camilleri għandha xi beni mobili proprji. Infatti, hija kienet taħdem għar-rasha bħala ħajjata qabel ma żżewġet, u taqla' l-flus . . . . .;

Illi ladarba l-attriċi kellha xi ħwejjeġ mobili ta' proprjetà tagħha li setgħet tiddota ruħha bihom, wieħed irid jara jekk dawk l-istess ħwejjeġ kienux suffiċjenti. Mill-provi jidher li l-istess konvenuti ma kienux jirritjenu li kienu suffiċjenti, tant li huma għamlu d-depożitu msemmi fid-dok. B fol. 6 tal-proċess (li dwaru l-Qorti sejra titkellem aktar tard); b'mod li ndubbjament l-instanti Carmela Camilleri kellha dritt li jkollha supplement oltre dawk l-oġġetti mobili li kienu ta' proprjetà tagħha partikulari, u li hija kellha taġixxi għalihom sabiex tottjeni r-restituzzjoni tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi l-ġenituri ta' bint li tkun sejra tiżżewweġ, jew li tkun iżżewġet, skond il-każ, huma obligati bil-liġi li jiddotawha, in linja prinċipali l-missier u in linja sussidjarja l-omm, skond il-kondizzjoni u l-mezzi tagħhom. Huwa għalhekk li l-eżami dwar il-patrimonju tal-konvenut huwa meħtieġ;

*Omissis:*

Illi fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, kunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha u l-istat finanzjarju tal-konvenut, l-attriċi ħaqqha, u l-konvenut jista' jagħtiha, bħala supplement fi flus l-ammont ta' £50 oħra . . . . ;

Ikkunsidrat;

Illi dwar id-depożitu jingħad li l-fatt li parti mill-oġġetti depożitati ġew pruvati li kienu tal-istess dotanda ma jirrendix null id-depożitu, imma, se maj, jirrendieh ineffikaċi u inattendibbli. L-istess ħaġa jingħad jekk dak li ġie depożitat in natura u fi flus ma jkoprix il-kreditu favur min isir l-istess depożitu biex jinqatel dak il-kreditu. In kwantu għad-depożiti regolari kontemplati fl-art. 950 Kap. 15 il-liġi tgħid li għandhom isiru fil-post indikat mill-Gvernatur b'Government Notice. Dan il-post ġie stabbilit fil-Government Notice 281 tal-10 ta' Diċembru 1902. Il-leġislatur ma qalx espressament li, jekk l-oġġetti tad-deheb ma jiġux depożitati l-Monti, imma f'idejn persuna terza, ikun hemm nullità. Din il-kwistjoni tista' tiġi riżoluta fuq il-prinċipji ġenerali, u ċjoè huwiex jew le ta' sustanza li, biex id-depożitu ta' deheb ikun validu, hemm bżonn li jsir il-Qorti jew dak il-fatt hux aċċidentali; imma f'dan il-każ ma hemmx lok li din il-Qorti tidħol fil-kwistjoni, l-għaliex id-deheb ġie kunsinnat lill-attriċi, u ċ-ċedola kienet inattendibbli għar-raġuni fuq esposta;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kontra l-konvenut Carmelo Zammit u tillikwida bħala supplement tad-dota dovuta lill-attriċi, li għandha tiġi kunsinnata lill-

żewġha, is-somma ta' £50 oltre dak li ntqal fil-korp ta' din is-sentenza, u li huwa aħjar spjegat, li l-konvenut imsemmi jibqa' kundannat iħallas; bl-ispejjeż kontra l-konvenut menzjonat; u fl-istess ħin tillibera lill-konvenuta in kwantu d-domandi huma proposti kontra tagħha, bl-ispejjeż għall-atturi.